# Kulleġġ San Benedittu Skola Sekondarja

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

**Elezzjoni għall-Kunsill Skolastiku 2023/2024**
**Nominazzjonijiet – Ġenituri/Kustodji**

Reġa' wasal iż-żmien biex, issir l-elezzjoni għall-Kunsill Skolastiku tal-iskola fejn jattendu wliedkom.

Dan il-Kunsill ikun iffurmat minn:

- President – innominat mill-Ministru għall-Edukazzjoni
- Segretarju/Teżorier - li hu l-Kap tal-Iskola
- Tliet rappreżentanti eletti minn fost l-Edukaturi tal-iskola
- Tliet rappreżentanti eletti minn fost il-Ġenituri/Kustodji li għandhom it-tfal tagħhom f'din l-iskola.

L-Elezzjonijiet għall-Kunsilli Skolastiċi ser isiru bejn Diċembru 2022 u Jannar 2023.

Ix-xogħol importanti u fejjiedi tal-persuni li pparteċipaw fil-Kunsilli li twaqqfu fis-snin ta' qabel diġà qiegħed jagħti l-frott fl-iskola. Għalhekk ninkoraġġukom li jew tagħżlu li toħorġu intom biex isservu fuq il-Kunsill jew tinnominaw persuna xierqa, li tkun ukoll ġenitur/kustodju li għandu/għandha t-tfal f'din l-iskola.

Parteċipazzjoni f'dawn l-elezzjonijiet huma t'importanza kbira u l-koperazzjoni tagħkom hi ferm apprezzata għax nafu li fl-interess ewlieni tal-iskola u l-istudenti.

**Nominazzjonijiet – Ġenituri/Kustodji**

1. In-Nominazzjonijiet ta' ġenituri/kustodji għal dawn il-Kunsilli jiftħu fit-12 ta' Diċembru 2022.
2. In-Nominazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq is-sit *schoolcouncilelections.edu.mt* Fuq l-istess sit imbagħad jiġu sottomessi n-nominazzjonijiet.
3. F'kull skola jistgħu jikkontestaw u huma eliġibbli għall-vot il-ġenituri/kustodji li għandhom ulied imorru f'dik l-iskola.
4. L-omm u l-missier/kustodji ma jistgħux jikkontestaw l-elezzjoni għall-istess Kunsill flimkien, imma jista' **xi ħadd** minnhom biss.

5. Ġenitur/Kustodju jista' jkun membru f'aktar minn Kunsill wieħed ġaladarba l-ulied jattendu f'dawk l-iskejjel.

6. Fil-każ taċ-Ċentri ta' Riżorsi, jistgħu joħorġu għall-Kunsill u jivvutaw biss dawk il-ġenituri/kustodji li wliedhom huma reġistrati *full-time* f'dawk l-iskejjel.

7. Ġenituri/kustodji li wliedhom huma fl-aħħar sena skolastika jistgħu jikkontestaw l-elezzjonijiet. Ladarba t-tfal tagħhom jispiċċaw mill-iskola dawn jistgħu jagħżlu jekk itemmux il-ħatra tagħhom bħala membri jew jibqghux membri sakemm jagħlaq it-terminu ta' dak il-Kunsill.

8. Ġenituri/kustodji li huma wkoll edukaturi jistgħu jikkontestaw l-elezzjoni kemm bħala ġenituri kif ukoll bħala edukaturi ġol-istess skola; iżda ladarba jiġu eletti jistgħu jżommu biss post wieħed fil-Kunsill. Edukaturi li għandhom it-tfal tagħhom ġo skola differenti minn fejn jgħallmu huma, jistgħu jżommu ż-żewġ postijiet.

9. **Elezzjonijiet isiru biss** f'dawk l-iskejjel fejn ikun hemm aktar minn tliet (3) nominazzjonijiet.

In-nominazzjonijiet isiru fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Edukazzjoni *schoolcouncilelections.edu.mt*. Inti tista' tinnomina lilek innifsek ukoll. In-nominazzjoni onlajn jiftħu fit-12 ta' Diċembru 2022.

**Grazzi.**



______________________

**Salvinu Agius**

**Kap tal-Iskola**